MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2010

Numru 6000/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**Vs**

**Gianfranco Martines ta' 29 sena, bin il-mejjet Giuseppe u Emanuel anee Grassenio, imwieled l-Italja nhar id-9 ta' Marzu 1981, residenti kamra 2291, Topaz Hotel, Bugibba, detentur tal-Karta tal-Identita` Taljana numru AS2631321**

**u**

**Antonio Ferrera ta' 24 sena, bin Graziano u Agata nee` Conti, imwieled l-Italja nhar l-24 ta' April 1986, residenti kamra 2291, Topaz Hotel, Bugibba, detentur tal-Karta tal-Identita Taljana numru AS2630483**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Gianfranco Martines u Antonio Ferrerea li gew akkuzati:

a) Talli nhar l-10 ta’ Awissu 2010 ghall-habta tas-7.00am, gewwa Triq ElijaZammit, San Giljan, ikkommettew serq ta’ handbag, ghad-detriment ta’ Katerina Gechina.

.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputati ghall-akkuza migjuba fil-konfront taghhom, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghthom zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena li ghandha tigi inflitta;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni irregistrata mill-imputati ghall-akkuza migjuba fil-konfront taghhom, il-Qorti ma tistax hlief issibhom hatjata’l-istess.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-amissjoni bikrija maghmulha mill-imputat, il-fedina penali nadifa taghhom, il-fatt illi l-imputati iddispjacihom ghall-akkadut u rritornaw minnufih il-handbag bil-kontenenti tieghu lid-derubata.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputati hatj ta’l-akkuza migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hatj bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkomettu reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------